MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1546/2000/1

**Philippa Farrugia mart l-istess Moncef Ben Ammar Aidi**

**vs**

**Moncef Ben Ammar Aidi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti jidhru li kkontrattaw zwieg validu nhar il-21 ta' Gunju, 1996 (Dok A):

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju fuq id-diskrezzjoni u valutazzjoni tal-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet idonei essenzjali tal-istess;

Illi l-kunsens ta' l-esponenti kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga,

Illi l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex

1) Tiddikjara z-zwieg kontrattat nhar il-21 ta' Gunju, 1996 bejn il-kontendenti bhala null u invalidu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut mill-ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikorsi tal-attrici tal-24 ta’ Lulju 2000 u tad-29 ta’ Jannar 2001 fejn talbet li ssir in-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali u *ai termini* tal-Artikolu 187 (3) u d-digrieti tal-Qorti tat-3 t’Awissu 2000 u tat-23 ta’ Frar 2001 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Frar 2001.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbali tat-18 ta’ Gunju 2001, tad-19 ta’ Settembru 2001, tad-9 ta’ Jannar 2002, tas-27 ta’ Marzu 2002 u tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u l-kawza giet kancellata a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-21 ta’ Gunju 2002 u d-digriet tal-Qorti tal-24 ta’ Gunju 2002 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-14 ta’ Jannar 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Greta Mifsud Agius, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti (fol 23 sa 56 tal-process).

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali a fol 59 sa 67 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Jannar 2003 u tat-28 ta’ Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta’ Frar 2003 fejn talbet li n-notifika tal-konvenut issir permezz tal-Artikolu 187 (3) u d-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Frar 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Frar 2003 fejn gie ordnat li l-atti tar-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Greta Mifsud Agius, li originarjament kienu formanti parti mill-kawza Cit Nru 594/00/RCP (*kawza ta’ separazzjoni bejn l-istess zewg partijiet*), jigu inseriti fl-atti ta’ din il-kawza.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-4 t’April 2003.

Rat in-nota tal-attrici tas-7 ta’ April 2003 fejn esebiet estratt minn gazzetta lokali.

Rat il-verbal tat-8 ta’ April 2003 fejn Dr Joseph Bonnici prezenta nota bi tlett dokumenti u ddikjara li m’ghandux provi aktar, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Jannar 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn irrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) IL-KAWZA ODJERNA

Illi qabel xejn pero' huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f'din il-kawza effettivament ma gietx registrata oppozizzjoni da parti tal-konvenut ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett. Fil-fatt meta gie notifikat il-konvenut permezz tal-procedura ta' l-affissjoni, huwa ma kien ressaq ebda nota ta' eccezzjonijiet (ghalkemm il-kontumacja fiha nnifisha hija forma ta' kontestazzjoni). Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, f'dawn it-tip ta' kawzi u cjoe' kawzi ta' annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra u addirittura f'kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. *Di fatti* fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) deciza fit-30 t'April 2002), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat il-premess:-

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza* ***"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"*** *(A.C. 15 ta' Jannar 2002 – Cit. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"*** *(PA – 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"*** *(PA – 3 t'Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"*** *(PA – 4 t'Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"*** *(PA – 10 ta' Novembru 1995);* ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *(PA – 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee' Goodlip"*** *(PA – 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"*** *(PA – 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"*** *(PA – 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-talba attrici biex din l-Qorti tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Gunju 1996 fl-Ufficcju tar-Registru

taz-Zwigijiet huwa wiehed null u bla ebda effett u dan a tenur tal-provvedimenti tas-**subincizi (c), (d) u (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **s-subincizi (c), (d) u (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255** jinqraw kif gej -:

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(c)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

## (B) PROVI PRODOTTI

Illi l-**attrici** xehdet li hija u l-konvenut izzewgu fil-21 ta' Gunju, 1996. Il-konvenut huwa ta' nazzjonalita` Tunezina u jhaddan religjon Islamika.

Illi meta l-koppja zzewgu l-attrici kellha sittax-il sena u hu kellu 22 sena. Marru joqghodu mal-genituri ta' l-attrici. Damu joqghodu hemm ghal xi sena u nofs. Pero` l-attrici tistqarr illi z-zwieg taghhom kien differenti minn ta' koppji ohra. Qatt ma kienu johorgu bhala koppja u r-relazzjonijiet intimi kienu minn ta' l-inqas.

Illi mbaghad l-attrici tistqarr kif wara sena u nofs il-konvenut iddecieda li ried imur jghix ghal rasu u qatt ma qal lill-attrici biex tmur tghix mieghu.

Illi tul iz-zwieg, l-attrici tistqarr illi l-konvenut hadem ghal ftit zmien pero` hi kienet tmantnih, sahansitra kienet anke thallaslu l-kera meta telaq mid-dar tal-genituri taghha.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi l-konvenut kien isawwatha diversi drabi meta mar jghix wahdu u kienet tkun ir-Rabat. Hemm diversi rapporti fuq l-incidenti.

Illi meta l-konvenut telaq jghix ghal rasu, qatt ma kien jikkuntatja lill-attrici u kien izurha ghand ommha qisu darba fix-xahar biss.

Illi l-attrici bdiet tissuspetta illi l-konvenut kellu relazzjoni extra-konjugali u kienet fil-fatt ikkonfermatu meta ivverifikat lil min kienet tappartjeni l-karozza Fiesta. Din kienet ta' certa Claire Pace u l-istess vettura kienet regolarment tkun ipparkjata quddiem l-appartament fejn kien joqghod il-konvenut, ir-Rabat. Fil-fatt l-istess Claire Pace kkonfermat mal-attrici li kienet ilha tohrog mal-konvenut ghal erba' xhur. Dan kollu gara ghall-habta ta' Ottubru, 1999.

Illi **Carmen Farrugia** (omm l-attrici) xehdet kif l-attrici u l-konvenut kienu ltaqghu f'Haz-Zebbug. Hu kien qalilha li ma xtaqx jaghmel il-lieva f'pajjizu u ghalhekk kien qed jipprova joqghod Malta.

Illi omm l-attrici tistqarr illi meta ried jizzewweg hi stess kienet hadithom ghand il-Monsinjur. Kien minn hawn li estendewlu z-zmien li jibqa' hawn Malta, izda xtaqet illi ma jizzewgux mill-ewwel ghax l-attrici kienet ghadha zghira.

Illi x-xhud tkompli tistqarr illi l-konvenut telaq ghal sena u mbaghad gie lura u fi zmien xahar ikkonvinca lill-attrici sabiex jizzewgu civilment ghax kienet ghadha zghira. Weghedha ukoll illi malli tikber ftit iehor jizzewgu bil-Knisja.

Illi ghalhekk it-tieg sar minghajr preparamenti.

Illi x-xhud tikkonferma dak li stqarret l-attrici u cioe` illi l-konvenut kien dam jghix maghhom ghal xi zmien meta hu u l-attrici zzewgu u mbaghad kera post ir-Rabat u mar jghix ghal rasu.

Illi meta telaq, il-konvenut ma kienx imur jara lill-attrici ta' spiss u jekk kien imur, kien imur ghal qasir zmien. Sahansitra, meta kienet tikkuntatjah l-attrici, kien isib l-iskuzi kollha sabiex jevitaha.

Illi omm l-attrici, tistqarr ukoll kif darba fost ohrajn l-attrici telghet fl-appartament ir-Rabat fejn kien jghix il-konvenut u hemm sabitu fil-kumpanija ta' terza persuna.

Illi omm l-attrici tikkonferma li l-konvenut kien isawwat lill-attrici  u li hi kienet tmantnih.

Illi **Alfred Farrugia** xehed billi kkonferma dak kollu li xehedu l-attrici u ommha.

Illi **Claire Pace** wkoll ikkonfermat li saret taf lill-konvenut f'Awissu, 1999 f'Wied il-Ghajn u bdiet tohrog mieghu u damet ghal xi xahrejn shah. Illi din ix-xhud tikkonferma li kienet ikkuntatjatha l-attrici u kienet ikkonfermat din ir-relazzjoni maghha. Hija tistqarr illi malli saret taf li l-konvenut kien mizzewweg, kienet waqfet tohrog mieghu u minn dakinhar ma kenitx ratu izjed u wkoll li hi kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut.

Illi **Josef Farrugia** (hu l-attrici) qal huwa hu l-attrici u jikkonferma l-fatti kollha migjuba mix-xhieda l-ohra.

Illi *noltre*, dan ix-xhud jistqarr illi wara li l-konvenut kien mar jghix ghal rasu kien jiltaqa' mieghu barra il-Waves, Tattingers, Paceville, flimkien ma’ hutu u shabu.  Kien jiltaqa' mieghu anki tard bil-lejl u kien dejjem minghajr ohtu apparti mill-fatt li dan kien jarah ta' spiss.

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi dawn il-provi prodotti ser jigu ezaminati qabel xejn abbazi tat-talba attrici, pero` limitatament ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi jirrizulta mill-gurisprudenza nostrali li l-**artikolu 19(1)(d)** jirrikjedi li ta' l-anqas wiehed mill-partijiet ikun qed isofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza fil-mument li jaghti l-kunsens b'mod li jkollu difett ta' deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga li fil-mument li nghata l-kunsens ma jkunx jista' jifhem il-konsegwenzi ta' dawk li huma d-dmirijiet u l-elementi essenzjali ta' l-istess zwieg.

Illi l-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "*supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.*"

Infatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra'*

*ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita` li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe` li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich*, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-**Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich*, P.J.,** op. Cit., p. 687). Illi *di piu`* din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tezamina din l-interpretazzjoni fid-dawl tal-fatti fil-kaz **"Agius vs. Borg"** (Prim' Awla Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru 1995) fejn inghad li:-

*"Nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma jfissirx semplicement injoranza dwar xi aspett tal-hajja mizzewga izda jfisser li l-parti tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga. Din hi l-posizzjoni fil-ligi taghna llum u din jidher ukoll li kienet sostanzjalment il-posizzjoni fid-dritt kanoniku fl-1965".*

Illi ***Angelo Di Felice***, fl-artikolu tieghu **"La Discretio Iudici Matrimonio Proportionata nella giurisprudenza Rotale"** fil-ktieb miktub mill-attur ***Pio Fedele*** **"Perturbazioni Psichiche e consenso matrimoniale nel diritto canonico"** jiddeskrivi z-zwieg bhala kuntratt naturali li jista' jigi kkontemplat bejn persuni anke l-aktar semplici, li ghandhom livell ta' intelligenza aktar baxx.

"*Il matrimonio e' infatti un diritto ed un contratto naturale per tutti gli uomini, anche i semplici, che non hanno cultura o esperienza, i quali certamenti possono contrarre senza che conoscano e valutino la natura giuridica del matrimonio e le conseguenze degli singole obbligazioni e dei singoli diriti connessi con il contratto matrimoniale".*

Illi pero' b'danakollu, il-punt in kwistjoni huwa jekk il-livell ta' l-intelligenza jew kif inhi ahjar maghrufa l-fakolta` kritiko-estimativa tal-persuna kienx ta' livell, tant li setghet

tevalwa n-natura taz-zwieg bhala unjoni permanenti, indissolubli bejn ragel wiehed u mara wahda, unjoni li ggib maghha drittijiet u obbligazzjonijiet.

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** jirrikjedi analizi f'zewg partijiet:-

*(i) Eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu; u*
*(ii) Eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.*

Illi jinghad preliminarjament, li ghandu jigi stabbilit x'wiehed jifhem bl-"*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu*". Fil-gurisprudenza Maltija nsibu li dan l-artikolu gie spjegat fid-dettall u gie mfisser li biex l-eskluzjoni tkun wahda pozittiva mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali taz-zwieg, izda jrid ikun hemm volonta` pozittiva li teskludi tali element essenzjali.

Illi fis-sentenza **"Borg vs. Borg"** (P.A. 22 ta' Mejju 1995), il-Qorti marret pass aktar 'l boghod u dan billi sostniet fi kliem iehor biex ikun hemm "*eskluzjoni pozittiva"* jehtieg ukoll li jkun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu.

Illi gie stabbilit ukoll illi l-"*eskluzjoni pozittiva"* tista' tkun implicita:

"*Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, il-hsieb maghmul, il-volonta' pozittiva (fil-mument tal-ghoti tal-kunsens) li wiehed irid jeskludi z-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga, tista' tigi manifestata anke implicitament, permezz tal-mod kif wiehed igib ruhu u tac-cirkostanzi tal-hajja tieghu."*

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** *per se'* ma jikkontemplax specifikament is-simulazzjoni totali jew parzjali taz-zwieg. Madanakollu, kif inhu ben saput, gie stabbilit diversi drabi fil-gurisprudenza Maltija illi:-

(i) l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu huwa sinonimu mas-simulazzjoni totali taz-zwieg.

(ii) l-eskluzjoni ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga huwa sinonimu mas-simulazzjoni parzjali.

Illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva m'ghandhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda tista' tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.

Illi kif ritenut fis-sentenza **“Vanessa Ikheteah vs Slimane Ikheteah”** (P.A. (RCP) 7 ta’ Jannar 2003 – Cit Nru 892/02/RCP) bl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta` tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta` ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha il-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante*

*l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi”.* **(*O. Giacchi* – “*Il consenso matrimoniale canonico”*).**

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti taqbel mal-brava Perit Legali li mill-fatti tal-kaz jidher car illi l-konvenut izzewweg lill-attrici ghall-skopijiet ta’ konvenjenza sabiex jibqa’ jghix Malta peress li kien ta’ nazzjonalita` stranjiera. Kellu bzonn il-*Visa* biex jibqa' hawn Malta. Is-segwenza tal-avvenimenti kif fuq rakkontati mix-xhieda prodotti, kollha jikkonfermaw fil-grad ta' prova rikjest mill-ligi illi dan kien l-iskop uniku tal-konvenut li jizzewweg lill-attrici. Hu gie Malta, iltaqa' mal-attrici li kienet immatura bizzejjed biex tifhem u tiddistingwi li l-konvenut ma kienx ihobbha izda kien qed juzaha ghall-kumditajiet tieghu.

Illi l-konvenut imbaghad, wara z-zwieg, dam jghix mal-familja tal-attrici, jghix minn fuq darha, qatt ma mantniha u wara sena telaq jghix ghal rasu. Ir-relazzjonijiet intimi, kienu minimi. Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni. L-attrici donnha hassitha onorata li kienet qieghda taghmel dawn l-ispejjez sabiex izzomm ir-ragel taghha.

Illi l-istess Perit Legali kompliet tghid li l-konvenut telaq jghix ghal rasu bl-iskuza illi meta l-koppja tizzewweg bil-Knisja imbaghad imorru jghixu flimkien, imma sadanittant l-attrici kellha tibqa' tghix mal-familja taghha.

Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“Theresa Taguri vs. Avukat Dr. Chris Cilia noe”** (P.A. (N.A.) 10 ta’ Novembru 1999) fejn inghad:-

"*Jinghad illi fis-socjeta' Maltija din l-indissolubilita' ghandha titqies bhala element essenzjali tal-hajja mizzewga u... dan l-element ghandu jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' ordni pubbliku*".

Illi x-xhieda kollha kkonfermaw illi l-konvenut kellu relazzjonijiet extra-konjugali u wahda minnhom Claire Pace tikkonferma dan il-fatt hi stess. Hu l-attrici ukoll jikkonferma li meta l-konvenut mar jghix ghal rasu, waqt li

ohtu baqghet tghix id-dar, hu kien ikun regolarment barra, Paceville u postijiet ta' divertiment ohra sas-sighat bikrin ta' filghodu.

Illi l-istess perit legali kkonkludiet li mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta li meta l-konvenut dahal ghall-kuntratt ta' zwieg hu ma kellu l-ebda ntenzjoni li jsegwi fedelment l-elementi essenzjali taz-zwieg kif rikonoxxuti mill-ligi Maltija.

Illi jirrizulta wkoll ghalhekk li l-konvenut kien jaf ezatt xi pjan kellu - jizzewweg lill-attrici, jgib il-*Visa* b'mod konvenjenti u jibqa' jghix hajja ta' guvni wahdu u jeskludi ghal kollox l-unjoni komuni u permanenti li kellha twassal ghall-gid tal-familja.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti il-fatti kif esposti f'din il-kawza kollha jindikaw illi l-konvenut dahal f'dan iz-zwieg ma' l-attrici sabiex ikollu mezz biex jibqa' permanentament Malta, ghaliex dan kien komdu ghalih u jidher car li l-attrici kellha nuqqas ta' deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga peress li konxja ta' dan kollu xorta wahda anke minhabba l-infatwazzjoni li kellha lejn il-konvenut accettat li tizzewgu b'mod ghalhekk li kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti tali zwieg ghandu jigi dikjarat null peress li bhala zwieg ta' konvenjenza jissodisfa d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Illi fil-fatt jista' jinghad li la darba l-iskop tal-konvenut sabiex jidhol fl-unjoni ma' l-attrici kien biss sabiex jottjeni l-*visa* u jibqa' hawn Malta, jsegwi wkoll li fi kawlunkwe kaz il-konvenut eskluda a priori l-elementi essenzjali li jikkostitwixxu zwieg taht il-ligi u kultura nostrali u ghalhekk l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null anke abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f)** kif fil-fatt fuq deciz.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** imsemmi mill-attrici fic-citazzjoni taghha, mill-provi prodotti ma jirrizultax li d-disposizzjonijiet ta' l-istess sub-artikolu gew sodisfatti ghalkemm dan il-punt huwa biss illum akkademiku peress li n-nullita` ta' l-istess zwieg diga giet dikjarata abbazi ta' dak fuq premess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1) Tiddikjara z-zwieg kontrattat nhar il-21 ta' Gunju, 1996 bejn il-kontendenti bhala null u invalidu *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**